**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 172635** **21.11.2017**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tetra għall-Istrina mill-Parlament***

"Kif għamilna s-sena l-oħra, din is-sena wkoll mill-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, qed nagħtu s-sehem tagħna u nipparteċipaw f'din l-inizjattiva favur l-ambjent". Dan qalu l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia, meta fil-binja tal-Parlament, ingħaqad mad-direttorat ta' GREEN MT, fejn ġiet varata l-kampanja "Tetra għall-Istrina".

L-Ispeaker faħħar l-inizjattiva tal-GREEN MT li permess ta' dan l-avveniment ser jinġabru fondi bil-għan li jingħataw lill-Community Chest Fund.

Flimkien mal-Ispeaker Anġlu Farrugia, ingħaqdu l-Membri Parlamentari Clayton Bartolo u Frederick Azzopardi.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**